


# LEĦEN IL-GIRGENTI

Nru. 141 Jannar 2025


## INSIRU NAFU AKTAR LIL ĠUŻA MIFSUD

### Mill-ittri ta' Mons. Salvatore Grima

*(it-tielet parti)*

**F'ittra li Mons. Salv Grima kiteb lil Ġuża Mifsud fl-10 ta' Lulju 1964, huwa qalilha hekk:**

"Jiddispjaċini li domt ma' ktibtlek. Tant xtaqt niktiblek malajr u tant kelli ndum ma' niktiblek. Issa li erġajt bdejt ix-xogħol, ma għandix mument wieħed liberu.



Fraħt meta qrajt li kellimt it-tabib għaliex jiena ċert li Ġesù iridek tieħu ħsieb ta' saħħtek biex tkun tista' taqdi l-missjoni li Huwa jrid minn għandek. Jiena nixtieq ħafna li inti tibża' ħafna għal saħħtek u tobdi lit-tabib u lill-ġenituri f'dak kollu li jirrigwarda saħħtek. Naqbel ħafna ma' dak li qallek it-tabib fuq ir-ritratt għax fil-kas tiegħek, dak huwa meħtieġ ħafna. Fittex mur biex tieħu dan l-imbierek ta' ritratt u jekk issofri xi mistħija,

***Il-Kumitat***
***iwassal l-isbaħ xewqat għas-sena 2025***
***lill-membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta' dan il-fuljett,***
***lill-Maltin u l-Għawdxin kollha u 'l-proxxmu kollu.***

***Mulej ibgħat il-paċi Tiegħek fuq id-dinja kollha, għaqqad il-ġnus f'imħabbtek u agħti s-serħan lil min qiegħed ibati.***


MAĦRUĠ MILL-MOVIMENT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

ftakar fl-għaxar stazzjon tal-Via Sagra u offri dik il-mistħija bħala tpattija ta' ħafna nuqqasijiet li jsiru kontra l-virtu tal-purita.
Jiena nixtieqek tifhem li dan li għaddej minnek kollu qiegħed jippermettih Ġesù biex b'hekk jagħmlek xbiha perfetta tiegħu. Milli jidher, Ġesu irid jgħaddik mit-triq kollha tal-Kalvarju bħalma għadda lil Santa Ġemma u lil xi qaddisin oħra li kienu erwieħ privileġġjati. Orbot il-volontà tiegħek ma' Tiegħu u baxxi rasek għal dak kollu li jibgħatlek. Ħu ħsieb saħħtek ħalli tibqa' tilħaq ix-xogħol sabiħ li għandek tal-konsagrazzjoni tad-djar lill-Qlub ta' Ġesù u ta' Marija. Jiena mill-miżerja tiegħi nitlob għalik ħafna biex tilħaq dak il-grad ta' qdusija li Ġesù ippredestinalek sa' mill-eternità ..."

**Fl-ittra x'aktarx miktuba fl-1965 (id-data ġiet kważi mħassra), Dun Salv minkejja d-diffikultajiet fiżiċi li kien għaddej minnhom, xorta sab is-saħħa biex jiktbilha lil Ġuża:**

"Fraħt meta irċivejt l-ittra tiegħek għaliex sirt naf li Ġesù qiegħed jinqeda bik biex issalvalu l-erwieħ. Jiena għadni ma akkwistajtx saħħti għal kollox imma nispera li nibqa' ġej għall-aħjar jekk tkun volontà t'Alla.
Jiena nissuġġerilek illi tisma' f'kollox minn Dun Ġużepp u toqgħod f'kollox fuq il-parir tiegħu. Nhar il-Ħamis bil-ħsieb li nitlob ħafna għalik biex Ġesù jagħtik il-kuraġġ biex tagħmel il-volontà tiegħu. Taf kif tagħrafha l-volontà t'Alla? Fil-volontà tal-konfessur! Għalhekk għalaq għajnejk għal kollox u isma' minn Dun Ġużepp.
Jiddispjaċini li ma nistax nikteb aktar fit-tul għax illum ninsab ftit għajjien.
Nibgħat inselli għalik u għal Roża u nibqa' nitlob għalikom biex issiru żewġ erwieħ konsolatriċi tal-Qlub ta' Ġesù u ta' Marija..."

*Ikompli f'ħarġa oħra*

Dr. Sylvana Azzopardi



**Sinjur Alla tal-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.**

**Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Ammen. Glorja lill-Missier...**

# AVVIŻI

**LAQGĦAT TA' TALB FIL-GIRGENTI**

- **Il-Ħadd 5 u 19 ta' Jannar 2025 fit-3.30pm**
- **Il-Ħadd 2 u 16 ta' Frar 2025 fit-3.30pm**
- **Il-Ħadd 2 u 16 ta' Marzu 2025 fl-4.00pm**
- **Il-Ħadd 6 u 20 ta' April 2025 fil-5.30pm**

**MEZZ TA'  KUNTATT:**

- **Email: ourladyofconsecration@gmail.com**
- **Facebook messenger: Madonna tal-Konsagrazzjoni**
- **Indirizz Postali: 16, Triq San Gakbu, Siggiewi**

**AGĦMLU KUNTATT MAGĦNA JEKK:**

- **Taqilgħu grazzji bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni/Girgenti jew bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud;**
- **Jekk tridu formula sabiex issiru membri tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni;**
- **Kull meta taħsbu li l-Kumitat jista' jkun ta' għajnuna.**

**AKTAR TAGĦRIF DWAR ĠUŻA MIFSUD U L-GIRGENTI JISTA' JINKISEB MINN:**

- **www.ourladyofconsecration.org**
- **Facebook - Madonna tal Konsagrazzjoni**
- **Youtube - Guza Mifsud**
- **Kotba, santi u oġġetti devozzjonali**
- **Kopji antiki ta' dan il-fuljett (ikkonsultaw il-website)**

## DIKJARAZZJONI

**Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk.  Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorita tal-Knisja**